Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Qrendi

# NEWSLETTER

***Maħruġa mill-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku***

*“L-Iskola Tiswa”*

**Il-Motto tal-Iskola**

**NOVEMBRU 2011**
**Ħarġa Nru. 2**

**email: sbc.qrendi.pr@gov.mt**
**Tel: 21640673**

## *Il-Pjan t’Azzjoni: Eko-Skola*



Matul ix-xahar li għadda għaqqadna kumitat ġdid tal-Ekoskola 2011-2012. Il-membri ġodda huma Yelena Psaila, Clarence Scerri, Thea Axiaq, Janice Bugeja, Gabriel Camilleri, Kelsey Azzopardi, Samuel Sacco, Sylvia Galea u Brandon Lee Abela. Fil- ġimgħat li gejjin ser jiġu eletti l-President, il- Viċi president, is-Segretarja u l-Assistent tas-Segretarja, PRO kif ukoll “Eco-friends”. Ms Mary Grace Schembri u Ms. Charlene Buġeja ser jiggwidaw il-kumitat tal-Ekoskola 2011-2012 bl-għajnuna tal-Kap tal-Iskola u l-Assistent Kap u l-Għalliema .

Iżda eżattament il-kumitat tal-Ekoskola x'jieħu ħsieb? Il-membri tagħna joħorġu b'ideat innovativi u kreattivi kif jistgħu jieħdu ħsieb mhux biss l-ambjent tal-iskola imma wkoll l-ambjent ta` madwarna. Ħafna mill-attivitajiet li jsiru huma jgħallmu lit-tfal kif jisseparaw l-iskart, jiġbdu l-attenzjoni tal-istudenti biex ma jaħlux ilma kif ukoll biex ma jaħlux dawl, kif ukoll fil-laqgħat niddiskutu modi alternattivi biex ma naħlux ħafna dawl billi nużaw *energy savers, solar panels* u *solar heaters*. F'din is-sena skolastika ser niddiskutu dwar il-bidla fil-klima u żvilupp sostenibli.

Għandna ħafna proġetti għal din is-sena: ser nagħmlu għar għall-presepju tal-Milied li ser ikun magħmul minn materjal użat bħal kaxxi tal-kartun u gazzetti. Mela, minflok tarmuhom, ikun aħjar jekk iġġibuhom l-iskola biex b'hekk kulħadd ikun parteċipant f'din l-attivita`.

F' dan ix-xahar ser nieħdu sehem f'attivita` fejn mhux ser nixegħlu dawl għal sagħtejn biex b'hekk nikkontrollaw il-konsum tad-dawl kif ukoll l-istudenti jifhmu f'liema sitwazzjonijiet jgħixu nies fil-pajjiżi l-foqra u jkunu jistgħu jifhmu kemm ibatu fiżikament biex iġorru l-ilma li jkollhom bżonn.

Apparti li t-tfal jitgħallmu dwar l-ambjent, huma ser irabbu kunfidenza kif jitkellmu quddiem il-pubbliku, jitgħallmu ħiliet tat-tmexxija kif ukoll jitgħallmu x'inhu meħtieg biex jaħdmu fi grupp.

Mela dejjem aħsbu kif nistgħu ngħixu ħajja aħjar u nieħdu ħsieb l-ambjent ta` madwarna: użaw l-*energy savers!*

*Ms. Charlene Buġeja*
*Koordinatriċi EkoSkola*
*(Skola Primarja Qrendi)*